MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 15/2009/1

**Avukat Joseph A. Schembri bhala mandatarju specjali tal-assenti Alfred Pule` u Filomena sive Phyllis Pule`**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

Dan hu provvediment dwar dokumenti ezebiti mill-atturi appellanti flimkien mar-rikors tal-appell, u dwar talba sussegwentement intavolata minn Dottor Joseph Schembri ghan-nom taghhom ghall-produzzjoni f'din l-

istanza ta' dokumenti li ma gewx prodotti quddiem l-ewwel Qorti u dan wara sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fit-30 ta' Marzu, 2011 li biha gew michuda t-talbiet attrici sabiex sentenza moghtija mill-qorti ta' Dubai tigi rikonoxxuta u rregistrata fir-Registru Pubbliku. Ikun utili li hawn tigi riprodotta s-sentenza appellata kollha ghax id-dokumenti li l-attur nomine qed jitlob li jezebixxi u li jigu ammessi bhala prova huma marbuta mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti. Din is-sentenza taqra' hekk:

"Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew: [1] li skond certifikat mahrug fis-6 ta' Ottubru 2008 mill-Ministry of Interior, Naturalization and Residency Administration ta' Dubai, United Arab Emirates, debitament attestat mill-Ministru tal-Gustizzja ta' Dubai, ir-rikorrent Alfred Pule' huwa kkunsidrat li akkwista d-domicilju ta' l-istat tal-United Arab Emirates; [2] li fit-termini ta' ittra datata 27 ta' Settembru 2008 mahruga fuq il-firma tal-Avukat Abdyullah Taleb Mohammed, jirrizulta li "l-istess rikorrenti huma" domiciljati f' Dubai u ghalhekk kienu jikkwalifikaw, ghall-istess pajjiz, biex japplikaw u jottjenu l-istat ta'divorzju skond il-ligi ta' dak il-pajjiz; [3] li permezz ta' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Sharia, Prima Istanza, ta' Dubai [fit-22 ta' Gunju 2008] ir-rikorrenti gew dikjarati rrevokabbilment divorzjati; [4] li l-zball fit-traduzzjoni tal-kelma 'separation' flok 'divorce' gie konfermat, u rettifikat mit-tradutturi ta' l-istess sentenza; [5] li c-certifikat numru 31509/2008 mahrug mill-istess Qorti jikkonferma li r-rikorrenti huma rrevokabbilment divorzjati; [6] li l-imsemmija sentenza ghaddiet in gudikat stante li r-rikorrenti Filomena sive Phyllis Pule' ma ressqitx appell minnha; [7] li l-intimat baqa' jirrifjuta li jirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku Malta, "jekk mhux wara li tigi ottenuta sentenza mill-qrati taghna."; ghalhekk qedin jitolbu li din il-Qorti [1] tirrikonoxxi l-imsemmija sentenza; u [2] tordna li l-intimat jirregistra l-istess fir-Registru Pubbliku ta' Malta, sabiex l-istat ta' divorzju bejn ir-rikorrenti jigi debtiament rikonoxxut mill-istat Malti; bl-spejjez;

"Rat ir-risposta guramentata li biha l-intimat, wara li ssolleva eccezzjoni ta' natura proceduri li giet sorvolata

bil-korrezzjoni ordnata minn din il-Qorti fis-17 ta' Frar 2009, eccepixxa; li l-imsemmija decizjoni ma tissodisfax ir-rekwiziti ta' l-artikolu 33 tal-Kap.255; li d-decizjoni in kwistjoni ma tikkostitwix pronunzjament ta' qorti ta' pajjiz li fih wahda mill-partijiet kienet domiciljata jew cittadina, peress li jezistu cirkustanzi li ghadhom jorbtu lill-partijiet ma' Malta; huma kienu biss residenti f' Dubai u mhux domiciljati, u "qatt ma abbandunaw id-domicilju ta' origini taghhom li huwa Malta, u wisq anqas qatt ma kellhom l-intenzjoni li jaqtghu kull legami ma' Malta."; li l-intimat m' ghandux jigi assoggetta ghal xi spejjez, anke in fista tal-fatt li kieku kellha ssir ir-registrazzjoni mitluba c-cirkostanzi tal-kaz jesigu li tali registrazzjoni ta' decizjoni estera f' cirkostanzi kontenzjuzi bhal dawk odjerni ghandha ssir biss bis-sahha ta' 'exequatur' ta' qorti kompetenti wara li tkun gharblet il-fatti relevanti;

"Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Ikkunsidrat;

**"L-Azzjoni**

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qed jitolbu li [1] din il-Qorti tirrikonoxxi s-sentenza fuq indikata mahruga mill-imsemmija qorti estera; u [2] konsegwenzjalment tordna r-registrazzjoni taghha fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

"Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li ma jezistux ir-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 33 tal-Kap.255 sabiex dik is-sentenza tigi rikonoxxuta Malta.

**"Il-Fatti**

"Illi mill-provi jrrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu f' Malta fl-20 ta' Settembru 1986.

“Fis-sena 1996 huma, flimkien ma’ binthom, allura minorenni, marru Dubai fejn jiddikjaraw li ghadhom jirrisjedu sallum.

“Fil-11 ta’ Marzu 2008 huma ffirmaw f’ Malta kuntratt ta’ separazzjoni personali.

“Fil-11 ta’ April 2008 iffirmaw f’ Dubai kuntratt ta’ divorzju; li gie approvat mill-Qorti ta’ Dubai permezz ta’ sentenza moghtija fit-22 ta’ Gunju 2008, liema sentenza hija defenittiva.

“Fit-28 ta’ Lulju 2008 l-atturi, permezz tal-legali taghhom f’ Malta, applika ghar-registrazzjoni ta’ din is-sentenza fir-Registru Pubbliku ta’ Malta; izda dina giet rifjutata mir-Registratur li jqis li l-atturi ghadhom domiciljati Malta.

**“Provi Atturi**

“Illi l-atturi jsostnu li huma kienu biddlu d-domicilju ta’ l-orgini taghhom meta telqu minn Malta u marru jirrisjedu Dubai ghal tnax-il sena, u li ghalhekk id-domicilju taghhom fiz-zmien id-divorzju, u llum, huwa Dubai.

“In sostenn  ta’ din it-tezi huma ressqu bhala prova principali c-certifikat mahrug mill-Ministeru ta’ l-Intern fis-6 ta’ Ottubru 2008[1], li jiccertifika li l-attur Alfred Pule’ “has his legal domicile in the United Arab Emirates since 1996 were he had a number of employment visas issued.”  Fl-istess certifikat hemm specifikat li “This certificate was given for the purpose of confirming the legal domicile of the certificate holder in the United Arab Emirates.”

“L-atturi ukoll, prezentaw l-affidavits taghhom fejn in sostanza jghidu li huma kienu telqu minn Malta, u marru Dubai fejn ilhom jirrisjedu ghal numru ta’ snin, u, filwaqt li t-tifla taghhom iddecidiet li tirritorna lura Malta fis-sena 2007, “ahna bqajna Dubai minghajr ebda ntenzjoni li nabbandunaw id-domicilju ta’ l-ghazla taghna, minhabba l-

[1] Fol.4

fatt li r-residenti taghna kif ukoll l-attivita' tax-xoghol tieghi jinsabu hemmhekk."[2]

"L-attur jghid li hu m' ghandux intenzjoni li jirritorna lura Malta, u jispjega li hu ma ddisponiex mill-investiment li ghandu f' Malta bil-hsieb li jhallu kollox lit-tifla wara li jigu neqsin huma.

"B'risposta ghall-oggezzjoni tal-konvenut, u l-konsiderazzjonijiet imressqa minnu, l-attur spjega li huwa kien zamm l-karta' ta' l-identita' Maltija peress li kellu bzonnha biex jirrinova l-passaport Malti. Barra minnhekk huwa ghandu wkoll karta ta' l-identita' ta' Dubai li tinghata biss lill-istrangieri jekk ikunu domiciljati f' dan il-pajjiz.

"Dwar il-kumpanija tieghu registrata Malta, huwa jghid li din kienet giet iffurmata fl-24 ta' Settembru 1984, imma waqfet l-operazzjonijiet kummercjali taghha meta l-atturi ghazlu li jiehdu d-domicilju f' Dubai, u di fatti fis-sena 2001 din il-kumpanija giet maqtugha mir-registrazzjoni tal-VAT. Jghid li bhal hafna strangieri domiciljati f' pajjizi ohrjan, huma ghandhom kumpanija registrata Malta.

"Illi l-attrici ma kellhiex introjtu wara s-sena 1995, u ma hallsitx ebda kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali minn dan il-perijodu 'l quddiem, peress li wara dan il-perijodu kienet tghix u domiciljata f' Dubai. Minn naha tieghu, huwa kien baqa' jhallas dawn il-kontribuzzjonijiet f' Malta peress li kien diga'hallas ammont sostanzjali fil-passat, u f' Dubai ma kienx hemm din l-iskema.

"Illi t-tifla taghhom attendiet f'Dubai l-iskola primarja, sekondarja u terzjarja.

"Illi dwar il-proprjeta' li ghandhom f' Malta, l-attur spjega li dawn l-immobbli kollha nxtraw bejn is-snin 1984 u 1988, u li huma ma ddisponewx minnhom peress li z-zewg partijiet ser jhalluhom lit-tifla taghhom li rritornat tghix Malta. Inoltre, il-qabar ma ddisponiex minnu, ghar-ragunijiet sentimentali.

---

[2] Affidavit attur – fol.53

“Rigward is-sehem indiviz li l-attrici xtrat minghand hutha fis-7 ta’ Frar 2008 ta’ post f’ Rahal il-Gdid, wirt ta’ missierha, huwa jispjega li dan l-akkwist sar b’ investiment “dejjem fl-interess tat-tifla.” Hija nizlet l-indirizz taghha f’ Malta tal-kuntratt peress li ma tistax turi ndirizz barrani fuq l-istess dokument.

“L-attur jghid li originarjament fis-sena 1996, meta huma ghazlu Dubai bhala il-post tad-domicilju taghhom, huma qatt ma kellhom f’ rashom li z-zwieg taghhom kien ser jispicca, daqstant iehor ma kellhom ebda ntenzjoni li jmorru f’ dan il-pajjiz ghal skop ewlieni biex ingibu d-divorzju f’ pajjiz barrani.

**“Provi Konvenut**

“Il-konvenut ressaq provi li l-atturi ghad ghandhom diversi proprjetajiet hawn Malta registrati fuq isimhom, li pero’ kienu gew akkwistati qabel ma huma telqu lejn Dubati. Dawn jinsabu elenkati fid-deposizzjoni ta’ Peter Barbara.[3]

“Illi fis-26 ta’ Settembru 2008 l-attrici akkwistat sehem indiviz ta’ proprjeta’ f’ Malta provenienti mill-wirt ta’ missierha. Fuq dan l-att l-attrici ddikjarat li toqghod fil-Villa Fontaine, Triq Daniel Sammut, Hal Lija.

“Illi fis-7 ta’ Frar 2008 saret dikjarazzjoni causa mortis[4] f’ Malta u fuq l-att relattiv l-attrici ddikjarat ir-residenza taghha bhala Hal Lija.

“Illi fil-11 ta’ Marzu 2008 il-partijiet ghamlu testment[5] unica carta f’ Malta, li fih huma ddidkjaraw li huma “residing in Lija”.

“Illi fil-16 ta’ Mejju 2008 l-attur ghamel testment[6] iehor f’ Malta, li fih iddikjara li huwa “residenti Lija.”

---

[3] Vol.1 Fol.72 *et seq.*
[4] Vol.1 – fol.163
[5] Vol.1. – fol.164
[6] Vol.1 – fol. 155

"Illi l-partijiet baqghu registrati bhala votanti f' Malta sakemm, fil-mori tal-proceduri, l-attrici tnehhiet minn fuq ir-registru f' Ottubru 2009, filwaqt li l-attur tnehha, fuq rikjesta tieghu, f' April 2010.[7]

"Illi z-zewg partijiet baqghu jzommu l-passaport Malti, u fuq l-applikazzjonijiet li saru ghar-rinovament ta' dawn il-passaport, fis-sena 2006, huma ndikaw l-indirizz taghhom bhala "Fontaine" Triq Daniel Sammut, Hal Lija.[8]

"Illi l-atturi ghandhom kumpanija registrata Malta, li sussegwentement din dahret fuq isem l-attur biss, u li fil-Memorandum and Articles of Association rivedut fil-11 ta' Marzu 2008, id-direttur gie ndikat bhala l-attur li joqghod "Fontaine" Daniel Sammut Street, Lija.[9]

"Illi permezz ta' din il-kumpanija, l-attur jinnegozja f' Malta, jdhahhal id-director's fees f' Malta, u jhallas it-taxxi f' Malta fuq l-istess.

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi in tema legali[10] huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

"[1] illi biex jigi akkwistat id-domicilju ta' l-ghalza huwa mehtieg li jikkonkorru zewg rekwiziti: dak tar-residenza fil-pajjiz koncernat bhala abitant ta' dak il-pajjiz; u l-intenzjoni li tirrisjedi f' dak il-pajjiz "permanently or indefenitely".

"[2] Illi l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq minn qed jallega t-tibdil fid-domicilju tieghu.

"[3] Illi l-oneru tal-prova li persuna abbandunat id-domicilju ta' l-origini taghha, huwa akbar mill-oneru tal-prova tat-tibdil ta' domcilju ta' l-ghazla.[11]

---

[7] Vol.1 – fol.168; Vol.2 – fol.216
[8] Vol2. – fol.217
[9] Vol.1 – fols.184 *et seq.*
[10] Ref. **Cheshire** [2008] – Private International Law *pgs.157 et seq.* – ara kazistika hemm citata
[11] Ibid. pg.170

“Inoltre jinsab ritenut fil-gurisprudenza[12] nostrana li mhux bizzejjed li wiehed ikun siefer, anke flimkien mal-familja tieghu, biex jista’ jinghad li hu biddel id-domicilju tieghu; billi hu maghruf illi mhux il-qaghad twil f’ pajjiz barrani, ghal motivi ta’ kummerc jew xoghol, anke jekk ikun ha mieghu l-familja, imma jehtieg li jirrizulta bi provi precizi u konkludenti li hu ma ghandu ebda intenzjoni li jirritorna.

“Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta pacifiku li l-partijiet, flimkien ma’ binthom, kienu telqu minn Malta fis-sena 1996 lejn Dubai fejn dam jirrisjedu ghal perijodu twil; u fis-sena 2008 huma ffirmaw kuntratt ta’ divorzju, approvat mill-Qorti f’ dak il-pajjiz, wara li l-attur kien ottjeni mill-Ministeru ta’ l-Intern ta’ dak il-pajjiz, li fis-sena 2008 iccertifika li l-attur “has his legal domicile in the United Arab Emirates since 1996”[13]

“Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi u debita riflessjoni, hija tal-fehema li t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu, stante li ma jirrizultax sodisfacentement provat li l-atturi, jew wiehed minnhom, meta marru jirrisjedu Dubai, u meta kienu baqghu jirrisjedu Dubai, fil-fatt dawn kellhom l-intenzjoni li jabbandunaw id-domicilju ta’ l-origini taghhom, cioe’ Malta.

“Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet, mehudin flimkien:

“[1] Illi l-partijiet zammew diversi proprjetajiet f’ Malta li kienu akkwistaw qabel ma telqu;

“[2] Illi l-partijiet zammew il-passaport Malti u rrinovawh fis-sena 2006;

“[3] Illi l-atturi, u sussegwentement, l-attur wahdu ghandu kumpanija registrata Malta, li minnha ghandu ntrojtu, u li jhallas taxxa fuq l-istess;

---

[12] *PA[JCC] Joseph Mifsud Bonnici vs Av.Dr.George Degaetano [1959][Vol.XLIII.II.813*

[13] Vol.1 – fol.4

“[4] Illi l-attur baqa’ jhallas il-kontribuzzjonijiet ta-Sikurta’ Socjali f’ Malta;

“[5] Illi, u din hija l-izjed prova qawwija, kemm fil-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija li gew riveduti fis-sena 2008, kemm fl-atti pubblici li l-partijiet, fimkien u separatament, ghamlu f’ Malta fis-sena 2008, dawn dejjem iddikjara r-residenza taghhom bhala Malta, u precizament Hal Lija [fejn ghandhom il-villa taghhom].

“Ghalhekk il-Qorti thoss li l-atturi ma rnexxielhom jipprovaw sodisfacentement li meta huwa telqu lejn Dubai, jew fiz-zmien li kienu jirrisjedu f’ Dubati, huma kellhom l-intenzjoni li jabbandunaw id-domicilju taghhom f’ Malta.

“Illi rigward ic-certifikat mahrug mill-Ministru ta’ l-Intern f’ Dubai, il-Qorti tosserva li, ghalkemm dan huwa element ta’ prova li jimmerita konsiderazzjoni qawwija, izda mill-banda l-ohra, dan jirrifletti konkluzjoni ta’ entita’ amministrattiva jew ezekuttiva, liema konkluzjoni hija bazata fuq informazzjoni fornuta mill-attur lil din l-awtorita’kompetenti, u li din il-Qorti jew Qorti ohra, ma kellhiex l-opportunita’ li tezamina l-istess sabiex tasal ghall-konkluzjoni jekk verament kienx hemm tibdil fid-domicilju. Bhala ezempju, jigi osservat li ma jirrizultax provat li l-imsemmija awtorita’ kompetenti, meta harget l-imsemmi certifikat, kellha ghad-dispozizzjoni taghha l-informazzjoni kollha mressqa quddiem din il-Qorti dwar l-assi tal-partijiet f’ Malta, u wkoll dwar il-fatt li fil-kuntratt li fuqhom kienu deheru l-partijiet, u li saru qabel ma hareg l-imsemmi certifikat, dawn indikaw l-indirizz taghhom bhala Hal Lija

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li c-cirkostanzi ta’ l-atturi ma jinkwadrawx fid-dispost ta’ l-artikolu 33 tal-Kap.255, stante li ma jirrizultax provat li s-sentenza tal-qorti barranija kienet inghatat minn qorti tal-pajjiz “li fih xi wahda mill-partijiet fil-procediment tkun domiciljata [jew tkun cittadin].”

**“Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' l-atturi; bl-ispejjez."

**L-appell tal-attur nomine.**

L-attur nomine hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-18 ta' April, 2011 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok takkolji t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

L-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku pprezenta risposta fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellant nomine u b'hekk tikkonferma s-sentenza fuq riportata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant nomine.

Flimkien mar-rikors tal-appell l-attur nomine ezebixxa ittra datata 12 ta' April, 2011, li kienet giet ottenuta mill-Konslu ta' Malta fid-Dubai wara li giet pronunzjata s-sentenza appellata, fejn jinghad fil-paragrafu 21 tar-rikors li, fost affarijiet ohra, il-Konslu ddikjara li "*No foreign national, and referring to Mrs Filomena & Mr Alfred Pule` can obtain a UAE Passport, but they must hold their Malta Passport.*"

Fid-disa' paragrafu tar-risposta tieghu, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ddikjara li huwa "*joggezzjona ghat-talba tal-appellant nomine msemmija f'punt 21 tar-rikros tal-appell pprezentat minnu u cioe` li tigi ammessa bhala prova l-ittra anness mal-imsemmi rikors, u dan stante li l-appellant messu u kellu jipprezenta l-imsemmija ittra fil-bidu tal-proceduri quddiem il-prim istanza. Dan tenut kont tal-fatt li l-kontestazzjoni mressqa mill-appellat tan-nuqqas ta' domicilju tinkorpora kull xorta ta' evidenza li tista' tigi mressqa mill-appellant nomine biex jipprova l-kuntrarju inkluz ghalhekk it-tip ta' passaport li huwa mahrug fil-konfront ta' l-istess konjugi.*"

Fl-24 ta' Mejju, 2011 l-appellant nomine pprezenta nota, mhux awtorizzata minn din il-Qorti, li permezz taghha

ezebixxa "*vera fotokopja tac-certifikat originali (Ref. 34120/2011) u tad-traduzzjoni legali, bid-dikjarazzjoni mahruga mill-Qorti kompetenti tal-pajjiz ta' Dubai, debitament attestata mill-awtoritajiet koncernanti tal-istess pajjiz; inkluz il-Konslu ta' Malta f'Dubai, li minnha jirrizulta inekwivokabilment illi l-koppja Alfred u Filomena Pule, atturi f'dawn il-proceduri, kienu domiciljati fil-pajjiz tad-Dubai – United Arab Emirates, waqt l-istess procediment li fih ottenew id-divorzju irrevokabbli taghhom, liema certifikat inhareg fit-12 ta' Mejju 2011.*"

Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2011 Dr. Nadya Fiott ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistrat l-insistenza tal-patrocinat taghha fl-opposizzjoni ghal produzzjoni tad-dokument anness mar-rikors tal-appell kif ukoll ghal produzzjoni tad-dokument anness man-Nota tal-appellanti tal-24 ta' Mejju, 2011.

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti hija regolata b'zewg dispozizzjonijet separati u distinti tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ewwel lok hemm l-Artikolu 145 li jitkellem dwar dokumenti li jistghu jingiebu mar-rikors, mat-twegiba u mar-replika meta dawn l-istess dokumenti "*jsahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet ta' l-iehor.*" Minn dan l-artikolu jidher li kull parti tista`, anke minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti jew l-permess tal-kontro-parti, tipprezenta kwalsiasi dokument flimkien mal-att promotur jew risposta skont il-kaz, purche` li dawn id-dokumenti jsahhu t-talbiet tal-wiehed jew l-eccezzjonijiet tal-iehor.

Din id-dispozizzjoni naturalment tapplika ghall-ittra tat-12 ta' April, 2011 mibghuta mill-Konslu Generali ta' Malta ghad-Dubai lil Dr. Joseph Schembri fejn, b'referenza partikolari ghall-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha [vide fol. 5 tas-sentenza] hemm dikjarat li:-

"1. "*No foreign national …. can obtain a UAE Passport, but they must hold* (fil-kaz tal-konjugi Pule) *their Malta Passport.*" Jinghad ukoll fl-imsemmi dokument

"2. *No foreign national ….. can obtain citezenship of Dubai – United Arab Emirates.*

"3. *In Dubai – United Arab Emirates – there is no Social Security System or National Insurance Contribution for Local and Foreign Nationals.*
"4. *In Dubai – United Arab Emirates – there is no National Pension Scheme for Foreign Nationals.*

"5. *In Dubai – United Arab Emirates – foreign nationals residing in Dubai must obtain a United Arab Emirates – Identity Card however they have no right to vote in Dubai."*

Din il-Qorti gia kellha l-okkazzjoni tispjega it-tifsira korretta tal-Artikolu 145 tal-Kap. 12 meta fis-sentenza taghha **Josef Farrugia v. Christopher Carabott et** tal-24 ta' Gunju 2011 irriteniet kif gej:

"Dan l-artikolu jidher illi qiegħed jagħti dritt inkondizzjonat lill-partijiet illi jippreżentaw kull dokument li jsaħħaħ it-talbiet jew l-eċċezzjonijiet, skond il-każ, mingħajr restrizzjoni. Madankollu, din il-qorti hija tal-fehma illi din id-dispożizzjoni tal-liġi għandha tinqara u tiftehem fil-kuntest ta' dik li hija proprjament il-funzjoni ta' qorti ta' reviżjoni, fis-sens illi din il-qorti ma għandhiex, bħala regola, tqis provi illi ma nġibux quddiem qorti tal-ewwel grad għax jekk tagħmel hekk tkun qiegħda ċċaħħad lill-partijiet mill-benefiċċju tal-eżami doppju. Jingħad "bħala regola" għax jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-interessi tal-ġustizzja jitolbu li ssir eċċezzjoni għar-regola, bħal meta d-dokumenti setgħu jinġiebu biss f'dan l-istadju jew ir-relevanza tagħhom feġġet biss fid-dawl ta' dak li jingħad fis-sentenza appellata."

L-ittra tat-12 ta' April, 2011 mibghuta mill-Konslu Generali ta' Malta ghad-Dubai lil Dr. Joseph Schembri u li giet prodotta flimkien mar-rikors tal-appell tesponi allegati fatti li certament l-appellant nomine kien jaf jew messu ragionevolment kien jaf ir-relevanza li seta' jkollhom fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti tenut kont tal-

kunsiderazzjoni li seta' jigi facilment anticipat li l-istess fatti setghu jincidu fuq element kjarament krucjali ghat-talba tieghu quddiem l-ewwel qorti u cioe' l-element tad-domicilju tal-partijiet fid-data tal-proceduri li wasslu ghas-sentenza li kien qieghed jitlob li tigi rikonoxxuta u rregistrata fir-Registru Pubbliku. Dokument bhal dak esibit mar-rikors tal-appell, ghalhekk, seta' facilment intalab lill-Konslu Generali ta' Malta qabel is-sentenza tal-ewwel Qorti sabiex jigi esibit bhala prova quddiem dik il-Qorti li kienet tkun tista' tiehdu in kunisderazzjoni ghall-finijiet tad-deliberazzjonijiet taghha. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ma hux legittimu li d-dokument anness mar-rikors tal-appell jigi issa ammess bhala prova f'dan l-istadju ta' appell.

**Ikkunsidrat.**

In kwantu ghad-dokument l-iehor (riferenza 34120/2011, fol. 29 tal-process tal-appell) li l-produzzjoni tieghu intalbet wara li gie prezentat ir-rikors tal-appell l-artikolu tal-ligi pertinenti huwa l-artikolu 150 tal-Kap. 12 u dwar dan l-artikolu din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Novembru 2011 fl-ismijet **Fredrick Attard vs Malta International Airport P.l.c.** fissret li:
"Qabel xejn ghandu jigi precizat li l-Artikolu 150 tal-Kap. 12 ma jobbligax lill-Qorti tilqa' kwalunkwe talba ghall-produzzjoni ta' xi dokument kull meta tirrikorri xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu. Dak li jipprovdi l-istess artikolu hu li l-Qorti <u>tista'</u> tilqa' talba ghall-produzzjoni ta' dokument fl-istadju previst f'dak l-artikolu <u>biss jekk</u> tkun tezisti xi wahda mic-cirkostanzi hemm elenkati. Jghodd f'dan ghal dan il-kaz ukoll dak li rriteniet din il-Qorti fil-provvediment taghha tal 24 ta' Gunju, 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Josef Farrugia v Christopher Carabott et.** b'riferenza ghall-Artikolu 145 tal-Kap. 12 liema artikolu fl-apparenza tieghu jidher li hu aktar liberali mill-Artikolu 150. F'dak il-provvediment din il-Qorti ghamlitha cara li fir-rigward ta' talbiet ghal produzzjoni ta' dokumenti f'dan l-istadju din il-Qorti ma ghandhiex, bhala regola, tqis provi illi ma ngiebux quddiem qorti tal-ewwel grad. Anki meta d-dokument seta jingieb biss f'dan l-istadju ghaliex, bhal fil-kaz odjern, gie

redatt wara s-sentenza appellata din il-Qorti trid tkun konvinta, bhal fil-kaz ta' kull produzzjoni ta' kull prova quddiemha, mir-relevanza tad-dokument li l-produzzjoni tieghu tkun qed tintalab."

Issa jidher li mar-rikors promotur hemm gia` dokument (riferenza 4/27/1/4/2/39, fol. 4 tal-process in prim' istanza) li jippretendi li jiccertifika id-domicilju legali tal-appellant sa mill-1996 kif ukoll dokument iehor [dak li jgib in-numru 31509/2008a a fol 28 tal-process in prim' istanza] li jinsab sew fl-original tieghu, kif ukoll fil-verzjoni tradotta, fejn id-*Dubai Sharia Court of First Instance* ccertifikat is-sentenza ta' divorzju bejn il-konjugi Pule`, proprju dak li jissokta jaghmel id-dokument (riferenza 34120/2011) li l-ammissjoni tieghu bhala prova qed tintalab. Din il-Qorti tistqarr li hi kemmxejn perplessa bil-kontenut tac-certifikat (riferenza 34120/2011) li jippretendi li jikkonferma d-domicilju ta' Alfred Pule' u Filomena Pule' fi zmien il-proceduri ta' divorzju f'Dubai meta mill-kopja tas-sentenza shiha tal-Qorti ta' Dubai (fol. 8 – 16 tal-process in prim' istanza) minn mkien ma jirrizulta li b'xi mod dik il-Qorti minimament dahlet biex tikkunsidra d-domicilju tal-partijiet anki ghaliex mill-istess sentenza jidher li l-unici elementi relevanti ghall-finijiet tas-sentenza kienu n-nazzjonalita' u r-religjon tal-partijiet.

Apparti l-piz li seta' eventwalment jinghata lid-dokument imsemmi, izda, dak li inghad aktar 'l fuq f'dan il-provvediment rigward id-dokument anness mar-rikors tal-appell japplika b'aktar qawwa fir-rigward tad-dokument anness man-nota tal-14 ta' Mejju 2011. Jidher evidenti kemm mill-premessi tar-rikors promotorju tal-gudizzju kif ukoll mid-dokumenti annessi mieghu li l-atturi kienu ben konsapevoli tal-htiega li jipprovaw id-domicilju taghhom fiz-zmien tal-proceduri tad-divorzju f'Dubai u ma hemmx dubju li l-prova li jridu jaghmlu bid-dokument (riferenza 34120/2011) setghet facilment saret fil-kors tal-proceduri fil-prim' istanza. Ghalhekk, ghar-rigward ta' dan id-dokument ukoll din il-Qorti hi tal-fehema li l-istess dokument seta' u messu gie prodott quddiem l-ewwel Qorti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi dwar dan l-incident billi tiddikjara li ma hix ser tiehu konjizzjoni bhala prova tad-dokument (fol.18 tal-process fl-appell) anness mar-rikors tal-appell u tordna l-isfilz tad-dokument (fol. 29 tal-process fl-appell) anness man-nota tal-Avukat Joseph A Schembri nomine tal-25 ta' Mejju 2011 (fol 27 tal-process fl-appell). L-ispejjez ta' dan l-incident ikunu a karigu tal-appellant nomine.

L-Appell qed jigi differit ghall-udjenza ta' nhar it-Tlieta ghoxrin (20) ta' Marzu 2012 fil-11:30am ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------